# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 6**

**Rikors numru 59/13 SM**

**Winnifred mart Mario Gatt**
**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali u**
**b'digriet datat 17 ta' Lulju 2014 gew kjamati fil-kawza l-konjugi**
**Mario u Katya Bonello u l-konjugi Anthony u Doris Bonello**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrenti minn zewg digrieti [id-digrieti appellati] moghtia mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2016 u fl-4 ta' Ottubru 2016 u minn sentenza [is-sentenza appellata]

moghtja minn dik l-istess Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fl-4 ta' Ottubru 2016.

2. Permezz tad-digrieti appellati dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti, maghmula wara li kien diga gie dikjarat l-gheluq tal-istadju tal-provi, sabiex dik il-Qorti tawtorizzaha jipprezenta kopja tal-kuntratt causa mortis ippubblikat fit-2 ta' Ottubru 1999.

3. Permezz tas-sentenza appellata dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-intimati, li r-rikorrenti m'ghandhiex interess guridiku biex tippromwovi l-procedura odjerna u ghalhekk illiberat lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

<u>Il-Fatti</u>

4. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Ir-rikorrenti ghandha sehem ta' 1/12 indiviz f'mahzen bin-numru 326 u 328 Triq Zabbar, Fgura li huwa okkupat mill-kumpanija *Transpak Overseas Removals Limited*. Dan il-mahzen ghandu l-faccata fuq Triq Zabbar, filwaqt li fuq in-naha ta' wara jaghti ghal Sqaq Rjallu. Il-kjamati in kawza, li ghandhom proprjetá fi Triq Zabbar bil-faccata taghti ghal fuq Sqaq Rjallu, zviluppaw is-sit taghhom u, sabiex ikun hemm access ahjar minn naha ta' wara, riedu illi Sqaq

Rjallu jitwessa'. Ghal dan il-ghan talbu lill-Awtoritá ta' Malta ghat-Trasport sabiex jinbeda l-process ta' esproprju ta' dik il-parti tal-mahzen li taghti ghal fuq l-imsemmi sqaq. L-Awtoritá ta' Malta ghat-Trasport accettat din it-talba u kitbet lill-Kummissarju tal-Artijiet [il-Kummissarju] sabiex jinbeda dan il-process. Il-Kummissarju accetta din it-talba, u permezz ta' dikjarazzjoni presidenzjali numru 30 li giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-11 ta' Jannar 2012, gie dikjarat li l-gvern irid jakkwista porzjoni tal-mahzen fuq imsemmi ta' kejl superficjali ta' 39 metru kwadru, bi spejjez tal-familja Bonello.

Mertu

5. Permezz tal-odjerni proceduri, ir-rikorrenti qeghda titlob, inter alia, dikjarazzjoni gudizzjarja li d-drittijiet fundamentali taghha kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 6 u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea [il-konvenzjoni] gew lezi, kif ukoll qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijet Pubblici [il-Kap. 88] imur kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u kontra l-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u, konsegwentement thassar u/jew tannulla l-istess ligi, kif ukoll li jigi dikjarat li id-dikjarazzjoni presidenzjali fuq imsemmija hija nulla u bla effett.

6. Illi l-intimati b'risposta guramentata, wara li taw il-verzjoni taghhom tal-fatti, eccepew: [1] li r-rikorrenti ghandha ggib prova tat-titolu fil-proprjetá de quo; [2] li l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha, stante li r-rikorrenti ma kenitx ezawriet ir-rimedju ordinarja disponibbli ghaliha, senjatament l-Artikolu 6 tal-Kap. 88; [3] li kellhom jigu kjamati fil-kawza l-konjugi Bonello; [4] li l-esproprjazzjoni odjerna kienet diga tifforma l-meritu ta' proceduri kostituzzjonali ohra[1] fejn kienet giet attakkata minghajr success; [5] li f'dawk il-proceduri kien gie dikjarat mir-rikorrenti f'dik il-kawza minn kienu l-proprjetarji tal-mahzen u, ir-rikorrenti odjerna ma ssemmietx; [6] li r-rikorrenti kellha l-opportunitá li tkun taf bl-avviz tal-esproprju u tressaq il-kaz taghha quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg dwar l-Artijiet.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tal-4 ta' Ottubru 2016, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi rizultat tas-suespost, il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
> 9.1. Illi r-rikorrenti tallega li ghandha sehem ta' wiehed minn tnax, (1/12), indiviz fil-mahzen sitwat fil-fond numru 326 u 328, Triq Haz-Zabbar, il-Fgura, (ara foll 39 u 174);

[1] Q.Kos. 10/2012 **William Vella et v. Kummissarju tal-Artijiet et**, deciza 31 ta' Mejju 2013 u, fit-30 ta' Mejju 2014 giet michuda t-talba ghat-thassir u ghar-ritrattazzjoni ta' dik id-decizjoni

"9.2. Illi mill-istess fond kienet tigi gestita l-impriza bl-isem ta' *"Saltfish Company Limited"* u sussegwentement mis-socjeta` *Transpak Overseas Removals Limited*;

"9.3. Illi l-permess moghti ghall-bini tal-mahzen fuq riferit kien jinkludi wkoll appartamenti uzati bhala ufficini, (ara foll 45);

"9.4. Illi l-fond in dizamina kien jibqa` sejjer sa' Sqaq Rjallu, il-Fgura, (ara foll 45);

"Ikkunsidrat:

"10. Illi r-rikorrenti ssostni li kienet saret taf bl-espropriju in dizamina minghand il-mama` taghha, (ara foll 39 u 174);

"11. Illi meta sussegwentement ir-rikorrenti kellmet lil huwha William, dan kien infurmha li meta hu kien fetah kawza fir-rigward, kien inavvertitament naqas milli jinkludiha, (ara foll 39 u 174);

"12. Illi l-process tal-espropriju tal-parti tal-proprjeta` in dizamina inbeda fuq talba tal-familja Bonello *stante* li kellhom access limitat hafna ghall-proprjeta` taghhom min-naha ta' sqaq Rjallu, il-Fgura, (ara foll 262 u 263);

"13. Illi permezz ta' ittra datata t-18 ta' Jannar, 2011, *Transport Malta* talbet lill-Kummissarju tal-Artijiet biex l-art meritu tal-procedura odjerna hemm indikata tigi esproprijata, (ara foll 120);

"14. Illi in vista tal-premess il-familja Bonello giet mitluba biex tinforma lis-sid tal-art *de quo* li kienu jixtiequ jaslu fi ftehim ghax-xiri tal-art in kwistjoni u li jekk ma jintlahaqx ftehim, jinfurmah ukoll li l-art in kwistjoni kienet ser tigi esproprijata, (ara foll 118);

"15. Illi l-awspikat ftehim ma jirrizultax li ntlahaq, (ara foll 123);

"16. Illi sussegwentement id-Dipartiment tal-Artijiet u l-kjamati in kawza Bonello ffirmaw kuntratt t'obbligazzjoni datat it-12 t'Ottubru, 2011, biex l-art in dizamina tigi esproprijata, (ara foll 125);

"17. Illi in effetti l-art *de quo* giet regolarment esproprijata permezz t'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern datat l-11 ta' Jannar, 2012, (ara foll 128);

"18. Illi ghall-partijiet kollha involuti sa dak il-mument l-impressjoni li kollha kellhom kienet illi s-sid tal-proprjeta` in kwistjoni kien William Vella biss li anke eventwalment intavola procedura in kontestazzjoni ghall-istess li eventwalment kienet itterminata

konklussivament mill-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza datata l- 31 ta' Mejju, 2013, (ara foll 192);

"Ikkunsidrat:

"19. Illi l-esproprju in dizamina jirrigwarda porzjon art ta' kejl ta' disa' u tletin (39) metru kwadru, (ara foll 128);

"20. Illi r-rikorrenti ssosstni li kienet infurmata b'dan ferm wara l-wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill-avviz *de quo*, u dan, minn membru tal-familja taghha u mhux mill-Kummissarju tal-Artijiet, (ara foll 39 u 174);

"21. Illi ghalhekk it-terminu ghall-impunjazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-espropriju kien lahaq ghadda inezorabilment;

"Ikkunsidrat:

22. Illi minkejja li l-espropriju in dizamina kien sar ghal skop pubbliku, l-istess art qeghda tigi effettivament akkwistata ghall-beneficcju ta' terzi, (ara foll 2);

"23. Illi *di piu`* ir-rikorrenti tallega wkoll diskriminazzjoni kontriha ghaliex fl-istess sqaq hemm ukoll proprjeta` ta' terzi li ma gietx esproprijata;

"Ikkunsidrat:

"24.0. Illi l-porzjon art in dizamina, (39 metru kwadru), kien ukoll suggett ta' kawza kostituzzjonali fl-ismijiet **William Vella *proprio et nomine et* vs. Kummissarju tal-Artijiet**, li fiha:

"24.1. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimati li ma kienx hemm l-ezawriment tar-rimedji ordinarji;

"24.2. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Prim' istanza, (ara foll 192);

"Ikkunsidrat:

"25.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li r-rikorrenti ghandha qabel xejn ggib prova tat-titolu taghna fuq il-proprjeta` in dizamina, jinghad sintetikment is-segwenti:

"25.1. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Cecil Pace *proprio et nomine et* vs. Emanuel A. Bonello *proprio et nomine***, datat l-**24 ta' Settembru, 2004**, **il-Qorti tal-Appell** rriteniet is-segwenti:

> "Huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistitwixxi procedura gudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq. (ara **Anna Attard *et nomine* vs. Rev. Patri Serafin Abela *nomine et*,Prim' Awla, 12 ta' Dicembru, 2011**). Fl-assenza ta' dan ir-rekwizit ma jistax jinghad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bhala konsegwenza l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jigi ritenut bhala mhux il-legittimu kontradittur";

"25.2.Illi fil-kawza **Alex Mangion vs. Anthony Cilia Pisani** bhala *Chairman* u in rapprezentanza tal-*Main Committee* ta' ***The Marsa Sports Club***, datata l-**20 ta' Mejju, 2004, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili** rriteniet li:

> "Biex tigi ezercitata azzjoni, l-attur irid ikollu interess guridiku fil-prosegwiment ta' dik il-kawza, liema interess irid ikun jezisti fil-bidu tal-kawza u jipperdura tul is-smigh tal-kawza. (**Laferla vs. Lauri** deciza minn **din il-Qorti** fit-**2 ta' Mejju, 2002**). Kif qalet l-**Onorabbli Qorti tal-Appell** fil-kawza **Goggi vs. Mifsud**, deciza fil-**11 t'April, 1930**, ghalkemm il-kodici taghna m'ghandux provediment li jittratta l-htiega ta' interess, din il-htiega tista` tigi desunta mill-artiklu 236, li jitkellem fuq dritt ta' appell "minn kull min ikollu interess", u mill-artiklu 960, li jitkellem fuq l-intervent f'kawza *in statu et terminis*, fiz-zewg kazi, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili";

"Ikkunsidrat:

"26.0. Illi rigward it-tehid ta' proprjeta` *ai termini* tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jinghad sintetikament is-segwenti:

"26.1. Illi l-artiklu *de quo* jipprotegi lis-sidien ta' proprjeta` mit-tehid forzuz mill-Istat fil-limiti tal-kundizzjonijiet hemm elenkati;

"26.2. Illi ghalhekk, tenut kont li l-godiment tad-dritt tal-proprjeta` hu tutelat bl-imsemmi mod hu wkoll meqjuz bhala rekwizit imprenxindibbli li r-rikorrenti trid tipprova d-dritt taghha minnha vantat fuq il-proprjeta` in dizamina;

"Ikkunsidrat:

"27.0. Illi f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti naqset li tipprova t-titolu taghha billi:

"27.1. La pprezentat it-titolu li kellu missierha; u

"27.2. Lanqas ipprezentat xi prova rigwardanti s-sehem taghha "minn dan it-titolu minnha vantat;

"28. Illi l-kuntratt datat it-8 t'Ottubru, 2010, (ara foll 179), hu kuntratt t'akkwist mill-Gvern u mhux kuntratt li jirrigwarda l-proprjeta` mertu tal-kawza – senjatament mhux rigwardanti il-mahzen fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

"29. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ir-rikorrenti ma jirrizultax li ghandha l-interess guridiku rikjest biex hi tkun tista` tirradika din il-kawza *stante* li naqset tipprezenta l-prova mehtiega skont il-ligi biex tipprova li ghandha interess guridiku fir-rigward;

"Ikkunsidrat:

"30.0. Illi fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti rigwardanti l-ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni *de quo* jinghad sintetikament is-segwenti:

"30.1. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Residual Limited vs. Kummissarju tal-Artijiet,** datata iz-**19 t'Ottubru, 2011, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)** irriteniet is-segwenti fir-rigward ta' dan l-artiklu partikolari li hu intiz specifikatament:

> "... to the peaceful enjoyment of possessions the right to have, to use, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one's possessions. As the Court said in the Marks case u article 1 "is in substance guaranteeing the right to property". Enjoyment is protected principally against interference by the State". (Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, E. Van Djke, G.J.H. Van Hoof, second edition, p. 516 *et sequitur*);

"31. Illi biex japplika l-artiklu in dizamina r-rikorrenti trid qabel xejn tipprova li ghandha l-pussess tal-proprjeta` in dizamina;".

## L-Appell

8. B'rikors tal-appell ipprezentat fis-7 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrenti ressqet zewg aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi jirrizulta mill-atti processwali illi l-kjamati fil-kawza qatt ma gew notifikati bl-atti tal-

kawza u, [2] illi s-sentenza appellata giet deciza fuq aspett wiehed, jigifieri li r-rikorrenti ma kienx irnexxielha iggib prova tat-titolu taghha fil-proprjetá in kwistjoni, filwaqt li t-talba taghha li tinghata l-opportunitá li tressaq dokument tal-prova relattiva, kienet michuda mill-istess Qorti b'digrieti tad-9 ta' Marzu 2016 u 4 ta' Ottubru 2016.

9. Ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti sabiex thassar id-digrieti tad-9 ta' Marzu 2016 u tal-4 ta' Ottubru 2016 kif ukoll is-sentenza appellata u, konsegwentement, stante li l-mertu tal-kawza ma giex indirizzat, tirrinvija l-atti lura l-Qorti in Prim Istanza ghall-kontinwazzjoni sabiex jigu epurati l-aspetti l-ohra kollha relattivi ghall-kawza, bl-ispejjez kontra l-appellati.

10. B'risposta datata 24 ta' Ottubru 2016, il-Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali wiegbu ghar-rikors tal-appell tar-rikorrenti u, ghar-ragunijiet hemmhekk spjegati, talbu li din il-Qorti sabiex tirrespingi u tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

11. B'risposta tas-27 ta' Ottubru 2016, il-kjamati fil-kawza konjugi Mario u Katya Bonello u konjugi Anthony u Doris Bonello wiegbu ghall-appell tar-rikorrenti u ghar-ragunijiet hemmhekk indikati talbu lil din il-

Qorti sabiex tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

L-Aggravji

12. Il-Qorti ser tibda billi titratta t-tieni aggravju, ghax jekk dan hu gustifikat allura ma jkunx aktar mehtieg li jigi trattat l-ewwel aggravju.

*It-Tieni Aggravju*

13. Permezz tat-tieni aggravju taghha, ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt illi s-sentenza appellata giet deciza fuq l-aspett uniku tan-nuqqas ta' interess guridiku taghha billi naqset li ggib il-prova tat-titolu, meta l-ewwel Qorti cahditilha zewg talbiet sabiex iggib provi relattivi in rigward. Hija tkompli tispjega hekk dan l-aggravju:

> "Minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-propjeta kienet giet akkwistat minn Sebastian, Paul u John ahwa Vella (Not Victor Bisazza 27/04/1952). Sebastian Vella biegh sehemu lil Paul u John Vella (Not John Spiteri Maempel 08/10/1963). Paul u John Vella qasmu l-propjeta u l- proprjeta mertu tal-kawza giet assenjata lil Paul Vella (Not Maurice Gambin 13/03/1976). Paul Vella miet fl-20/04/1999 u halla warajh lil martu u intiret mis-sitt uliedu fosthom ir- rikorrenti (Att Causa Mortis Not Gerard Spiteri Maempel 02/10/1999). Permezz ta' cedola ta' fidi 722/2004 Prim Awla, c-cens gie mifdi.
>
> "Illi apparti dan, stante li dan huwa process relatat ma' process ta' esproprju, skond il-Kapitolu 88 huwa stabbilit illi meta l-Kummissarju tal-Artijiet ikun sodisfatt bit-titolu tas-sit li gie esproprjat, huwa ghandu jghaddi, fit-terminu stabbilit fl-istess ligi, billi jipprezenta intimazzjoni gudizzjarja. Effettivament, jirrizulta illi fis-7 ta' Settembru 2016, il-

> Kummissarju tal-Artijiet effettivament baghat din l-ittra ufficjali kemm lill-esponenti kif ukoll lill-kumplament tas-sidien u dan ifisser illi skond l-Artikolu 22(8) [recte: 22 [4] tal-Kapitolu 88, li l- Kummissarju tal-Artijiet qed jirrikonoxxi lill-esponenti bhala wahda mill-komproprjetarji tal- art in kwistjoni.
>
> "Tali agir da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet ma jistghax jigi njorat u galadarba tali fatt sehh fil-mori tad-differiment. minkejja l-fatt li dan sehh anke f terminu qasir qabel ma inghatat is-sentenza, il-Qorti, galadarba giet informata b'tali avveniment, kienet obbligata li tiehu konjizzjoni tal-istess u mhux taghlaq ghajnejha ghaliha.
>
> "L-esponenti tissottometti umilment illi fdan ir-rigward il-Qorti in prim istanza kellha tammetti l-produzzjoni tal-istess dokument u se mai, taghti opportunita xierqa lill-partijiet fil-kawza sabiex jirregolaw ruhhom dwar l-istess. Certament pero jinghad illi tali ittra ufficjali zgur ma kienetx se tkun ta' sorpriza lill-Gvem ta' Malta u dan stante li kien l-istess Gvem ta' Malta li kien qed jibghat l-istess ittra ufficjali".

14. L-intimati Kummissajru tal-Artijiet u Avukat Generali jilqghu ghat-tieni aggravju tar-rikorrenti billi jissottomettu illi huwa inawdit illi r-rikorrenti li kellha l-obbligu li ggib prova ta' dak minnha allegat, tippretendi li tista' tipprezenta l-provi taghha f'kull stadju tal-kawza inkluz meta kien gia gie dikjarat li l-istadju tal-provi kien maghluq. Ikomplu jwiegbu hekk ghal dan l-aggravju:

> "20. Illi inoltre, in kwantu r-rikorrenti appellanti qeghda tikkontendi li 'il-Qorti in prim istanza kellha tammetti l-produzzjoni tal-istess dokument u se mai, taghti opportunita xierqa lill-partijiet fil-kawza sabiex jirregolaw ruhhom dwar l-istess' l-esponenti jirrilevaw li permezz tar-rikors taghha tat-30 ta' Settembru 2016, ir-rikorrenti ma talbitx it-twaqqif tal-prolazzjoni tas- sentenza izda talbet biss li l-Qorti tihfiu konjizzjoni tad-dokumenti minnha prezentati 'fl-evalwazzjoni tal-eccezzjoni preliminari mressqa mill- intimati';
>
> "21. Illi kit tajjeb deciz mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprotegi lis-sidien ta' proprjeta mit-tehid forzuz mill-lstat fil-limiti tal-kundizzjonijiet hemm elenkati b'dan illi hu meqjuz bhala rekwizit imprexindibbli li r-rikorrenti

> illum appellanti kellha tipprova d-dirtt minnha vantat fuq il-proprjeta in dizamina;
>
> 22. Illi minn naha l-ohra, rigward il-lanjanza tar-rikorrenti dwar l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, ir-rikorrenti kellha tipprova li ghandha pussess tal-proprjeta in dizamina sabiex jissussisti l- interess guridiku vantat minnha permezz tal-proceduri odjerni;
>
> "23. Illi in kwantu ir-rikorrenti appellanti naqset li tressaq prova li kellha pusses jew it-tdgawdija tal-mahzen mertu tal-kaz odjern, u lanqas gabet prova f'waqtha tat-titolu minnha vantat fuq l-istess, id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li permezz taghha iddecidiet li r-rikorrenti appellanti m'ghandiex l-interess guridiku necessarju biex teradika [recte: tirradika] il-proceduri odjerni la taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas taht il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hija gusta u jisthoqqilha konferma;".

15. Dwar dan l-aggravju l-kjamati in kawza jissottomettu illi l-attrici stess tammetti li ghandha biss wiehed minn tnax-il sehem indiviz u kull fejn qed tigi attakkata l-validitá ta' esproprju ghall-interess pubbliku, dik il-procedura ghandha tikkomprendi s-sidien kollha, in kwantu l-inattivitá tas-sidien l-ohra tfisser li rrikonoxxew l-interess pubbliku. L-appellanti setghet tidhol fil-proceduri mressqa mis-sidien l-ohra (Rik. Nru. 10/2012) u in kwantu dik il-kawza illum hija *res judicata*, ghandha torbot lir-rikorrenti wkoll *"ghaliex altrimenti li jkun qed jigri huwa li l-appellanti u hutha jkollhom dak li jissejjah 'a second bite at the apple' u twassal ghal multiplicita' ta' azzjonijiet fejn proprjetá b'diversi sidien tkun milquta minn esproprju."*

16. In kwantu l-kaz odjern ma huwiex wiehed ghal-likwidazzjoni ta' kumpens, izda ghal dikjarazzjoni ta' nullitá ta' dikjarazzjoni presidenzjali, l-interess tad-diversi sidien huwa wiehed li ma jistax jinqasam.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

17. Dan it-tieni aggravju huwa marbut mal-appell mid-digrieti appellati li permezz taghhom L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti sabiex fi stadju ahhari tal-proceduri tigi awtorizzata tipprezenta dokumenti in sostenn tat-titolu vantat minnha.

18. Illi fil-qosor il-fatti relevanti ghal dan l-aggravju huma dawn.

19. B'verbal[2] registrat fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2015 il-partijiet iddikjaraw li m' ghandhomx provi aktar u ghalhekk l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex tat digriet fejn awtorizzat li l-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub, u l-kawza thalliet ghat-13 ta' Ottubru 2015 ghat-trattazzjoni finali. B'verbal[3] registrat fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2016 ir-rikorrenti talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta kopja tal-att *causa mortis* in sostenn tal-prova tat-titolu taghha, liema talba pero` giet michuda milL-ewwel Qorti li, fl-istess udjenza, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2016.

---

[2] Fol.283
[3] Fol.313

20. B’rikors prezentat fit-30 ta’ Settembru 2016 ir-rikorrenti talbet lill-ewwel Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta kopja tal-ittra ufficjali mibghuta lilha mill-Kummissarju tal-Artijiet u li kienet giet notifikata lilha fit-23 ta’ Settembru 2016[4], izda b’digriet moghti fl-4 ta’ Ottubru 3016, li hija l-istess data li fiha nghatat is-sentenza appellata, dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti u ghaddiet sabiex taghti s-sentenza li permezz taghha cahdet it-talbiet tar-rikorrenti proprju minhabba nuqqas ta’ interesss guridiku da parti taghha ghax ma tressqux provi in sostenn tat-titolu vantat minnha.

21. Fl-ittra ufficjali fuq imsemmija pprezentata mill-Kummissarju fis-7 ta’ Settembru 2016, mibghuta lil diversi nies, fosthom ir-rikorrenti, hemm imnizzel hekk:

> “Il-Kummisarju tal-Artijiet qieghed jinformakom ukoll li abbazi tal-parir legali tal-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi, huwa sodisfatt li intom kellhom titolu fuq l-**utile dominju** tal-porzjoni art [mertu tal-kawza odjerna] ……”.

22. Din il-Qorti tosserva li - filwaqt li tissenjala li l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tuza’ d-diskrezzjoni taghha kif uzata meta tat id-digriet tad-9 ta’ Marzu 2016 stante li l-att li r-rikorrenti riedet li tesebixxi fl-atti jgib id-data tat-2 ta’ Ottubru 1999 u ghalhekk ir-rikorrenti kellha kull opportunitá li tipprezentah qabel ma ddikjarat li ma kellhiex provi aktar fl-udjenza

[4] Fol.316

tas-26 ta' Marzu 2015 - tikkonsidra li l-ilment tar-rikorrenti in kwantu ghat-talba maghmula fir-rikors prezentat fit-30 ta' Settembru 2016 huwa gustifikat. Dan qed jinghad ghal zewg ragunijiet li jikkonkorru flimkien: [1] li d-dokument, jigifieri l-ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju, giet notifikata lir-rikorrenti wara li l-partijiet kienu ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u wkoll wara l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2016 meta l-kawza kienet sahansitra thalliet ghas-sentenza u, [2] li l-kontenut tal-ittra ufficjali ghandu relevanza qawwija dwar il-kwistjoni tat-titolu pretiz mir-rikorrenti fil-proprjetá *de quo* u allura dwar il-materja tal-interess guridiku tar-rikorrenti fil-proceduri odjerni. Bir-rizultat tad-digriet li tat fl-4 ta' Ottubru 2016 l-ewwel Qorti injorat u skartat dokument relevanti ghall-kawza u li r-rikorrenti ma setghetx tipprezenta qabel. Dan id-digriet jimmina d-dritt tal-*audi alteram partem* fil-konfront tar-rikorrent u dak ta' smigh xieraq bi pregudizzju car ghaliha u bil-konsegwenzjali nullitá tas-sentenza appellata a tenur tal-Artikolu 790 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh fit-termini premessi.

24. Ladarba t-tieni aggravju gie milqugh mhux il-kaz li jigi trattat l-ewwel aggravju.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-4 ta' Ottubru 2016 u tirrevoka wkoll is-sentenza appellata, bl-ispejjez a kariku tal-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet; tordna li l-atti odjerni jigu rimandati lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza fid-dawl ta' dak deciz bil-gudizzju tal-lum.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo
Imhallef

Noel Cuschieri
Imhallef

Deputat Registratur
mb